# EUROPEAN LABEL OF GOVERNANCE EXCELLENCE

## TIKKETTA EWROPEA GĦALL-EĊĊELLENZA FIL-GOVERNANZA

## ELoGE MALTA

## 2025 - 2026

Local Councils' Association
Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Malta

ELoGE
European Label of Governance Excellence

THE CONGRESS
LE CONGRÈS

COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE

# ELoGE
# 2025 - 2026

## X'INHU ELOGE?

ELoGE huwa programm **tal-Kunsill tal-Ewropa** li għandu l-għan li jippromwovi l-kwalità tad-demokrazija lokali u l-governanza. Dan il-programm jipprovdi rikonoxximent Ewropew lill-Kunsilli Lokali li **juru livell għoli ta' governanza demokratika tajba**, ivvalutata skont **it-12-il Prinċipju ta' Governanza Demokratika Tajba**.

Aktar milli premju, **ELoGE huwa għodda prattika** li tgħin lill-**Kunsilli Lokali** janalizzaw il-prestazzjoni tagħhom, jidentifikaw fejn għandhom potenzjal u oqsma li jistgħu jtejbu, u jippromwovu kultura ta' trasparenza, akkontabbiltà, parteċipazzjoni u effiċjenza.

Permezz ta' awtovalutazzjoni, stħarriġ u evalwazzjoni, il-Kunsilli Lokali jiksbu informazzjoni ta' valur biex ifasslu strateġiji u riformi. Billi jipparteċipaw fil-programm, mhux biss jirċievu rikonoxximent għall-kisbiet tagħhom, iżda **jikkontribwixxu wkoll għal titjib kontinwu**, billi jallinjaw ma' standards Ewropej u jsaħħu l-fiduċja taċ-ċittadini.

## RIKONOXXIMENT GĦALL-EĊĊELLENZA FIL-GOVERNANZA LOKALI

Dan il-programm **huwa mmexxi mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (LCA) ta' Malta**, b'sapport xjentifiku mill-**Istitut tas-Soċjoloġija Internazzjonali ta' Gorizia (ISIG)**. Il-LCA tmexxi l-implimentazzjoni tal-programm fuq livell nazzjonali u tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali Maltin u tiffaċilità l-parteċipazzjoni tagħhom, filwaqt li l-ISIG jipprovdi gwida metodoloġika, għarfien xjentifiku, u sapport biex jiġu adottati u applikati l-għodod tal-ELoGE.

# ELoGE
# 2025 - 2026

## IMPLIMENTAZZJONI

L-implimentazzjoni se tinvolvi numru ta' Kunsilli Lokali permezz ta' eżerċizzji ta' **awtovalwazzjoni** u **evalwazzjoni** bbażati fuq it-12-il prinċipju ta' Governanza Demokratika Tajba, bl-użu tal-għodod li ġejjin:

**1 - AWTOVALUTAZZJONI**
Parametru referenzjarju mwettaq mill-Kunsilli Lokali

**2 - RAPPREŻENTANTI ELETTI**
Kwestjonarju indirizzat lir-rappreżentanti eletti

**3 - IMPJEGATI**
Kwestjonarju indirizzat lill-impjegati tal-Kunsill Lokali

**4 - RESIDENTI**
Kwestjonarju indirizzat lir-residenti

## BENEFIĊĊJI

**5 Benefiċċji ewlenin li tissieħeb fl-ELoGE**

- **Awtovalutazzjoni:** Evalwazzjoni ċara u strutturata tal-governanza skont l-istandards Ewropej
- **Tisħiħ tal-kapaċitajiet:** Gwida konkreta biex ittejjeb t-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-forniment tas-servizzi
- **Qawwa ikbar fl-allokazzjoni tal-fondi:** Rikonoxximent li jsaħħaħ l-applikazzjonijiet għal fondi Ewropej u internazzjonali.
- **Viżibbiltà:** L-ELoGE juri b'mod ċar l-impenn tiegħek lejn l-eċċellenza fil-governanza.
- **Fiduċja u netwerk:** Fiduċja akbar miċ-ċittadini u aċċess għal komunità Ewropea ta' tagħlim.

# ELoGE
# 2025 - 2026

## OBJETTIVI

**L-Objettivi Ewlenin ta' ELoGE Malta 2025–2026 huma:**

- Biex **issaħħaħ il-governanza demokratika** fl-amministrazzjonijiet lokali Maltin;
- Biex **issaħħaħ il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni demokratika** taċ-ċittadini fil-ħajja pubblika lokali;
- Biex **tidentifika l-potenzjal** u **d-dgħufija f**it-teħid tad-deċiżjonijiet u fit-twassil ta' servizzi pubbliċi mill-Kunsilli Lokali;
- Li **taqsam l-aqwa prattiċi** bejn il-Kunsilli Lokali sabiex tibni netwerk nazzjonali ta' ELoGE li jirrifletti standards Ewropej;
- Li **tiġi miġbura data** dwar il-potenzjal ta' żvilupp tal-parametru referenzjarju ELoGE fil-kuntest Malti, billi jiġu adattati l-indikaturi għas-sħubijiet lokali permezz ta' stħarriġ u konsultazzjonijiet ma' rappreżentanti istituzzjonali.

## ATTIVITAJIET

**Il-Kunsilli Lokali magħżula biex jipparteċipaw fl-ELoGE Malta 2025–2026 se jkunu appoġġjati mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-ISIG biex iwettqu l-fażijiet differenti tal-programm, li jinkludu:**

- Awtovalutazzjoni tal-Kunsill Lokali;
- Stħarriġ ma' residenti, rappreżentanti eletti, u impjegati biex tiġi evalwata l-pożizzjoni tal-Kunsilli Lokali skont it-12-il Prinċipju tal-Governanza Demokratika Tajba;
- Analiżi tad-data miġbura mill-Pjattaforma Nazzjonali tal-Evalwazzjoni, li se tirrevedi l-Kunsilli li se jkunu qed jipparteċipaw;
- Kisba tat-tikketta tal-ELoGE, valida għal sentejn, għal dawk il-Kunsilli Lokali li jiksbu livell għoli ta' Governanza Tajba skont l-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa.

# SKEDA TAŻ-ŻMIEN U FAŻIJIET

## 1–2 SETTEMBRU 2025

**TNEDIJA TAL-PROGRAMM**

- Workshop online (9:00–11:00 CET) li jintroduċi l-programm, il-metodoloġija, l-għodod u l-objettivi.
- Il-parteċipanti se jkunu mħeġġin jirriflettu fuq l-informazzjoni mogħtija u biex iressqu l-mistoqsijiet tagħhom wiċċ imb wiċċ għall-workshop.

## 3 OTTUBRU 2025

**TAĦRIĠ U SKAMBJU INTERNAZZJONALI WIĊĊ IMB WIĊĊ**

- Workshop 'Training of Trainers' għal faċilitaturi reġjonali
- Skambju bilaterali ma' delegazzjoni ta' Sindki Taljani (AICCRE)
- Sessjonijiet prattiċi dwar l-użu tal-għodod ELoGE, l-involviment tal-partijiet interessati, u l-appoġġ lill-muniċipalitajiet.

## 9 DIĊEMBRU 2025 - 11:00–12:00

**SEMINAR ONLINE – TNEDIJA TAL-PROGRAMM U REĠISTRAZZJONI TAL-MUNIĊIPALITAJIET**

## BIDU TAL-2026

**IMPLIMENTAZZJONI, MONITERAĠĠ U TAGĦLIM BEJN IL-PARI.**

## ĠUNJU 2026

**EVALWAZZJONI U PREMJAZZJONI**

- Il-Pjattaforma Nazzjonali tal-Evalwazzjoni se tanalizza u tirrevedi d-dokumentazzjoni sottomessa.
- Ir-riżultati finali se jkunu komunikati lill-Kunsilli Lokali kollha li se jipparteċipaw.
- Ċerimonja tal-Premjazzjoni: Il-Kunsilli li jiġu evalwati b'mod pożittiv se jiġu rikonoxxuti uffiċjalment mill-Kunsill tal-Ewropa u mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ta' Malta.

Local Councils' Association
Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Malta

Għal aktar informazzjoni dwar il-programm ELoGE tal-Kunsill tal-Ewropa, żur is-sit Ċentru tal-Għarfien Espert għal Governanza Tajba: www.coe.int

## LINKS UTLI

Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ta' Malta (LCA): www.lca.org.mt

ELoGE Malta 2025–2026:www.lca.org.mt/eloge

## KUNTATTI

Email: lca@lca.org.mt
Tel: (+356) 25968000

## REĠISTRAZZJONI ONLINE

**www.lca.org.mt/projects/eloge**

Bil-kontribuzzjoni ta'
THE CONGRESS LE CONGRÈS COUNCIL OF EUROPE CONSEIL DE L'EUROPE

Imsieħeb xjentifiku
ISIG